**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tal-10 ta' Ġunju 2016 – HI vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-133/15)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Artikolu 11 tar-Regolamenti tal-Persunal — Dmir ta' lealtà — Artikolu 11a — Kunflitt ta' interessi — Uffiċjal inkarigat milli jsegwi proġett iffinanzjat mill-Unjoni — Rabta ta' familja bejn dan l-uffiċjal u impjegat irreklutat għall-bżonnijiet tal-proġett mill-kumpannija inkarigata minn dan il-proġett — Proċedura dixxiplinari — Sanzjoni dixxiplinari — Tnaqqis fil-grad — Legalità tal-kompożizzjoni tal-kunsill ta' dixxiplina — Obbligu ta' motivazzjoni — Tul tal-proċedura — Terminu raġonevoli — Ksur tad-drittijiet tad-difiża — Prinċipju ne bis in idem — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Proporzjonalità tas-sanzjoni — Ċirkustanzi attenwanti)***

(2016/C 270/76)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* HI (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Ehrbar u F. Simonetti, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

It-talba li tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi sanzjoni ta' tnaqqis fil-grad permanenti ta' żewġ gradi lir-rikorrent sussegwentement għal investigazzjoni li tirrigwarda sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi kif ukoll kumpens għad-dannu morali allegatament subit.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *HI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea*

([1]) ĠU C 414, 14.12.2015, p. 45.